SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

22 ta' Novembru 2018 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KE) Nru 861/2007 – Proċedura Ewropea għal talbiet żgħar – Artikolu 2(1) u Artikolu 3(1) – Kamp ta' applikazzjoni – Kunċett ta' 'partijiet' – Tilwimiet transkonfinali"

Fil-Kawża C-627/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Okresný súd Dunajská Streda (il-Qorti Distrettwali ta' Dunajská Streda, ir-Repubblika Slovakka), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Novembru 2017, fil-proċedura

ZSE Energia a.s.

vs

RG,

fil-preżenza ta':

ZSE Energia CZ, s.r.o.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn F. Biltgen, President tat-Tmien Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Għaxar Awla, E. Levits (Relatur) u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Slovakk, minn B. Ricziová, bħala aġent,

– għall-Gvern Portugiż, minn M. J. Castello-Branco, L. Inez Fernandes u M. Figueiredo, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Heller u A. Tokár, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tiġi deċiża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU 2007, L 199, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 861/2007").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn ZSE Energia, a.s. u RG dwar l-irkupru ta' dejn ta' ammont prinċipali ta' EUR 423.74.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 861/2007

3 Il-premessa 7 tar-Regolament Nru 861/2007 tipprevedi:

"[…] L-ostakli għall-kisba ta' deċiżjoni rapida u mhux għalja huma aggravati f'każijiet transkonfinali. B'hekk jeħtieġ li tiġi stabbilita Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Huwa meħtieġ li l-għan ta' tali proċedura jkun il-faċilitazzjoni ta' l-aċċess għall-ġustizzja. […]"

4 Il-premessa 8 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tissimplifika u taċċelera l-litigazzjoni dwar talbiet żgħar f'każijiet transkonfinali, filwaqt li tnaqqas l-ispejjeż, billi toffri strument fakultattiv addizzjonali għall-possibbiltajiet li jeżistu taħt il-liġijiet ta' l-Istati Membri, li mhumiex sejrin jintlaqtu. […]"

5 Il-premessa 11 tal-imsemmi regolament hija fformulata kif ġej:

"Huwa meħtieġ, sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, li l-attur jibda l-applikazzjoni billi jimla formola tat-talba standard u jippreżentaha fil-qorti jew fit-tribunal. […]"

6 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-istess regolament jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura Ewropea għal talbiet żgħar (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar'), bil-ħsieb li tissimplifika u taċċelera l-litigazzjoni dwar talbiet żgħar f'każijiet transkonfinali, u li tnaqqas l-ispejjeż. Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandu jkun disponibbli għal-litiganti bħala alternattiva għall-proċeduri eżistenti taħt il-liġijiet ta' l-Istati Membri."

7 L-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 861/2007 jipprevedi:

"Dan ir-Regolament għandu japplika, f'każijiet transkonfinali […], irrispettivament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal, fejn il-valur ta' talba ma jaqbiżx l-EUR 2 000 fiż-żmien meta l-qorti jew it-tribunal kompetenti jirċievu l-formola tat-talba, esklużi l-interessi, l-ispejjeż u l-infiq kollha. M'għandux japplika, b'mod partikolari, għal kwistjonijiet ta' dħul pubbliku, dwana jew għal materji amministrattivi jew għar-responsabbiltà ta' l-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' l-awtorità ta' l-Istat ('acta iure imperii')."

8 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, każ transkonfinali huwa wieħed fejn mill-inqas waħda mill-partijiet hija domiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru divers mill-Istat Membru tal-qorti jew tat-tribunal fejn tkun saret it-talba.

[…]

3. Il-mument rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx każ transkonfinali għandu jkun id-data li fiha tiġi riċevuta l-formola tat-talba mill-qorti jew mit-tribunal kompetenti."

9 L-Artikolu 4(3) tal-imsemmi regolament jipprovdi li:

"Fejn talba ma taqax fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-qorti jew it-tribunal għandhom jgħarrfu lill-attur b'dan. Sakemm l-attur ma jirtirax it-talba, il-qorti jew it-tribunal għandhom jipproċedu bit-talba skond il-liġi proċedurali rilevanti applikabbli fl-Istat Membru fejn titmexxa l-proċedura."

10 L-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

"Suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun regolata mil-liġi proċedurali ta' l-Istat Membru li fih titmexxa l-proċedura."

Id-dritt Slovakk

11 Skont l-Artikolu 60 tal-Liġi Nru 160/2015 li Tistabbilixxi l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, "partijiet fil-proċeduri" tfisser ir-rikorrent u l-konvenut.

12 L-intervenjent huwa ddefinit fl-Artikolu 81 ta' dan il-kodiċi li huwa l-persuna li jipparteċipa fil-proċedura fuq in-naħa tar-rikorrent jew tal-konvenut u li għandha interess ġuridiku fl-eżitu tal-proċedura.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 ZSE Energia, li għandha s-sede tagħha fi Bratislava (ir-Repubblika Slovakka), adixxiet il-qorti tar-rinviju b'talba intiża għall-ħlas ta' kreditu ta' ammont ta' EUR 423.74, barra mill-interessi moratorji skont il-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar.

14 ZSE Energia indirizzat it-talba tagħha lill-qorti tar-rinviju permezz tal-Formola A li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 861/2007, li fiha hija kienet tidher bħala Attur 1.

15 Barra minn hekk, kienet tidher fuq din il-formola, bħala Attur 2, ZSE Energia CZ, s.r.o., stabbilita fir-Repubblika Ċeka. It-talba inkwistjoni kienet tindika li ZSE Energia CZ kienet ikkonkludiet ma' ZSE Energia ftehim li skontu ZSE Energia CZ kienet, b'kummissjoni, tiġġestixxi u tirkupra ċerti djun ta' ZSE Energia, inkluż dak fir-rigward ta' RG, iddomiċiljata f'Vojka nad Dunajom (ir-Repubblika Slovakka).

16 L-Attur 2 iddikjarat lill-qorti tar-rinviju, fuq dokument separat mehmuż mal-imsemmija talba, li, skont l-Artikolu 81 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża, hija tipparteċipa fit-tilwima pendenti bħala intervenjenti, peress li għandha interess ġuridiku fis-soluzzjoni tat-tilwima.

17 Permezz tal-Formola B li tidher fl-Anness II tar-Regolament Nru 861/2007, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Atturi 1 u 2 jikkoreġu l-Formola A. Hija osservat li t-talba inkwistjoni kellha informazzjoni dwar żewġ atturi, iżda l-formola kienet tindika li d-dejn kellu jitħallas biss lill-Attur 1. Billi qieset li l-Attur 2 ma kinitx verament rikorrenti, hija talbet li tkun biss l-Attur 1 li tidher f'dan it-talba jew altrimenti din tiġi kkompletata b'informazzjoni li tindika liema dejn għandu l-konvenut iħallas lill-Attur 2.

18 B'risposta għal din it-talba, ZSE Energia bagħtet lill-qorti tar-rinviju Formola A debitament ikkoreġuta, li fiha kienet biss din il-kumpannija li ġiet indikata "Attur", filwaqt li ZSE Energia CZ kienet tidher biss bħala "intervenjenti".

19 Minħabba f'hekk, il-Qorti tar-rinviju kellha dubji dwar jekk it-tilwima adita biha kinetx tikkostitwixxi tilwima transkonfinali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 861/2007.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Okresný súd Dunajská Streda (il-Qorti Distrettwali ta' Dunajská Streda, ir-Repubblika Slovakka) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kunċett ta' 'waħda mill-partijiet', imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 […], għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi wkoll lill-'parti intervenjenti', jiġifieri l-persuna li tieħu sehem fil-proċeduri li ma hi la r-rikorrent u lanqas il-konvenut, iżda li tintervjeni fil-proċeduri biss insostenn tar-rikorrent jew tal-konvenut?

2) Jekk il-'parti intervenjenti' ma għandhiex tiġi kkwalifikata bħala 'parti' fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007:

Proċeduri mressqa permezz tal-formola A tal-Anness għar-Regolament Nru 861/2007, bejn rikorrent u konvenut, jaqaw taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 861/2007 fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament, jekk ir-rikorrent u l-konvenut ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru li għandu ġurisdizzjoni u fejn il-"parti intervenjenti" biss hija ddomiċiljata fi Stat Membru ieħor?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "partijiet" jirreferi biss għar-rikorrent u għall-konvenut fil-kawża prinċipali jew fis-sens li jinkludi wkoll "intervenjent" li jipparteċipa fil-proċedura insostenn ta' waħda jew l-oħra mill-partijiet fil-kawża prinċipali.

22 B'mod preliminari, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007 ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "partijiet" u lanqas ma jirreferi f'dan ir-rigward għad-dritt tal-Istati Membri. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza li t-termini ta' dispożizzjoni ta' dan id-dritt li ma tagħmel ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat is-sens u l-portata tagħha għandhom normalment jingħataw, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Bichat *et*, C-61/17, C-62/17 u C-72/17, EU:C:2018:653, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kunċett ta' "partijiet", imsemmi fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament, għandu jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-kliem tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007 ma jippermettix, waħdu, li jingħad b'ċertezza li l-kunċett ta' "partijiet" ma jinkludix ukoll dak ta' "intervenjent".

25 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dubji espressi mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "partijiet" minħabba inkoerenza li jista' jkun li hemm fil-verżjoni Slovakka tar-Regolament Nru 861/2007, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi kollha tal-Unjoni. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni li tagħha hija tikkostitwixxi element (sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, Alo u Osso, C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127, punt 27).

26 Fir-rigward tal-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 861/2007, għandu jiġi rrilevat, kif għamlet il-qorti tar-rinviju, li dan ir-regolament jipprevedi biss id-drittijiet u l-obbligi tar-rikorrent u tal-konvenut fil-kawża prinċipali. B'hekk, il-Formoli A u Ċ li jinsabu fl-Annessi I u III ta' dan ir-regolament għandhom rispettivament jimtlew mir-rikorrent, jiġifieri l-"Attur", fir-rigward tal-Formola A u, mill-parti mħarrka, jiġifieri il-"Konvenut" fir-rigward tal-Formola Ċ. Min-naħa l-oħra, minbarra l-intestaturi tal-formoli li r-Regolament Nru 861/2007 jirriżerva għall-qorti li għandha ġurisdizzjoni, ebda intestatura oħra ma hija pprovduta għal persuni oħra possibbilment involuti fit-tilwima tal-kawża prinċipali.

27 Għaldaqstant, jista' jiġi dedott mill-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 861/2007 li ma kinitx prevista parteċipazzjoni ta' intervenjenti fit-tilwim koperta minn dan ir-regolament.

28 Din l-evalwazzjoni hija kkonfermata mill-għan stess tar-Regolament Nru 861/2007. Fil-fatt, il-premessi 7 u 8 kif ukoll l-Artikolu 1 tiegħu juru li l-għan tal-proċedura Ewropea, fakultattiva, jinqasam fi tlieta. L-għan tagħha huwa li tippermetti ta' talbiet żgħar transkonfinali jiġu rregolati b'mod iktar sempliċi, iktar malajr u b'inqas spejjeż. Issa, tali għan ma jistax jintlaħaq jekk il-proċedura stabbilita tippermetti l-parteċipazzjoni ta' terza persuna, bħalma huwa intervenjent.

29 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar ukoll, bħalma fakkru l-Gvern Slovakk u l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħhom, li l-leġiżlatur tal-Unjoni wera, bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2015/2421 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament Nru 861/2007 (ĠU 2015, L 341, p. 1), ix-xewqa li ma jwessax id-definizzjoni tat-tilwim transkonfinali, minkejja l-proposta magħmula f'dan is-sens mill-Kummissjoni (COM (2013) 794 finali). Din ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni tiġi injorata jekk id-domiċilju ta' intervenjent fi Stat Membru differenti minn dak tar-rikorrent u tal-konvenut tkun biżżejjed sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 861/2007 jiġi estiż għal tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

30 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "partijiet" jipprevedi biss ir-rikorrent u l-konvenut tal-kawża prinċipali.

Fuq it-tieni domanda

31 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li tilwima taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament meta r-rikorrent u l-konvenut ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru tal-qorti adita.

32 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 861/2007 jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament b'mod espliċitu għat-tilwim transkonfinali. L-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 30 ta' din is-sentenza, jiddefinixxi tilwima transkonfinali bħala tilwima fejn ir-rikorrent u/jew il-konvenut ikun iddomiċiljat jew abitwalment residenti fi Stat Membru divers minn dak tal-qorti adita.

33 Konsegwentement, tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha r-rikorrent u l-konvenut ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru tal-qorti adita, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 861/2007.

34 Għal finijiet ta' kompletezza, għandu jitfakkar li, skont il-premessa 8 tar-Regolament Nru 861/2007, dan tal-aħħar huwa strument addizzjonali, meta l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-applikazzjoni tiegħu jkunu ssodisfatti, għall-possibbiltajiet mogħtija mil-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri.

35 B'hekk, id-dritt proċedurali applikabbli fl-Istat Membru li fih titmexxa l-proċedura jibqa' applikabbli fejn talba ma tkunx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 861/2007. F'sitwazzjoni bħal din, skont l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-regolament, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tinforma b'dan lill-attur u, jekk dan tal-aħħar ma jirtirax it-talba tiegħu, tipproċedi biha skont id-dritt proċedurali nazzjonali applikabbli.

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għat-tieni domanda għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007 għandhom jiġu interpretati fis-sens li tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha r-rikorrent u l-konvenut ikollhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess Stat Membru tal-qorti adita, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "partijiet" jipprevedi biss ir-rikorrent u l-konvenut tal-kawża prinċipali.

2) **L-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 861/2007, kif emendat bir-Regolament Nru 517/2013, għandhom jiġu interpretati fis-sens li tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha r-rikorrent u l-konvenut ikollhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess Stat Membru tal-qorti adita, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.**

Firem